MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 691/2012

**Delta Media Services Limited (P-1258)**
**Vs**
**One Blue Lemon Company Limited (C-35631)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob lis-Socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, hames mija u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (EUR2, 562.96) rapprezentanti l-bilanc bejn l-ammont ta' Eur 3563.60 dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti rigward servizzi u prodotti relattivi rezi u mibjugha mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata (hekk kif jidher mill-*invoices* hawn annessi u mmarkati bhala "DOK. DMS01" sa "DOK DMS04" u l-ammont ta' Eur 1000.64 dovut mir-rikorrenti lis-socjeta' intimate rigward prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti (hekk kif jidher mill-*invoice* hawn anness u mmarkat bhala "DOK. DMSO5". Dan il-bilanc ta' EUR 2,562.96 huwa dovut mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti u ghadu ma thallasx mis-socjeta' intimata lir-

rikorrenti minkejja li s-socjeta’ intimata giet interpellata taghmel dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-imghaxijiet legali bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta ikkalkulati mid-data tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv u bl-ispejjez gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, inkluz tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dan l-avviz, kontra s-socjeta’ intimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher rapprezentant ta’ l-istess Socjeta’ konvenuta ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fl-14 ta’ Frar, 2013 mill-Avukat Dr. Simon Cachia u l-fatt li s-Socjeta’ konvenuta naqset milli tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn, hames mija u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (EUR2, 562.96) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------